**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 6 ta' Ottubru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Michael Schembri**

**KUMP. NRU. 309/2013**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Michael Schembri detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 340388M**, gie akkuzat talli nhar it-30 ta' Lulju 2012 ghall-habta tad-disgha ta' filghodu (09:00hrs) gewwa Triq il-Palma, il-Marsa, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, b'mutur bin-numru tar-registrazzjoni DVL006, involontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Roberto Fortunato Naudi minn Rahal Gdid hekk kif iccertifika Dr V. Attard c/o A&E tal-isptar Mater Dei.

F'kaz ta' htija il-Qorti hija gentilment mitluba ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ta' Michael Schemri ghal zmien li jidrilha xieraq il-Qorti.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-3 ta` April 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 4);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Gie stabbilit mill-provi, a sodisfazzjon tal-ligi, li Roberto Fortunato Naudi sofra, *inter alia*, 'fracture left ankle' (ara *folios* 13 u 105).

Gie stabbilit ukoll li Roberto Fortunato Naudi ma kienx qasam it-triq minn fuq iz-zebra crossing izda kien effettivament qasam minn ftit aktar 'l quddiem mill-istess zebra crossing. Huwa hares 'l fuq u l-isfel, kien ra mutur gej (din hija l-verzjoni tieghu stess), haseb li seta jaqsam, izda ma lehaqx u ntlaqat.

Mbaghad xehed ukoll l-imputat fejn ta spjegazzjoni ta` kif sehh l-incident u ezebixxa dokumenti. Fil-qosor il-verzjoni ta` l-imputat hi li hu kien gej minn naha tan-nizla ta` l-Addolorata sejjer fid-direzzjoni tas-Super One. Meta l-imputat gie fid-dritta, u kif jghid hu – kellu vizibilita` - filwaqt li hu ma kienx ghaddej bi speed, lemah lil Roberto Fortunato Naudi jaqbad jaqsam minn naha tal-fabbrika BIM, ossia rah jaqbad il-girja minn naha tal-BIM ghan-naha tas-Super One. L-impatt bejn il-vittma u l-mutur misjuq mill-imputat sehh wara li l-vittma kien qasam gia tlett lanes.

**Ikkunsidrat**;

Illi <u>mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm traskuragni jew perikolozita` fl-estrem taghhom</u> izda l-Qorti hija tal-fehema li kien hemm nuqqas ta` attenzjoni, anki jekk minima, minn naha ta` l-imputat li kien il-kagun ta` dan l-incident - anki jekk pero` jirrizulta illi xi ftit kontributorjeta` minn naha ta` Roberto Fortunato Naudi kien hemm. Dan bhala fatt din il-Qorti ser tikkunsidrah in tema ta` sanzjoni.

Illi in tema ta` piena jew sanzjoni wkoll din il-Qorti qed tqis il-fatt dikjarat mill-prosekuzzjoni li, minn kif irrizultaw il-provi, l-istess prosekuzzjoni ma kienetx qed tinsisti fuq l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikoli 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Michael Schembri hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Michael Schembri bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tnax-il xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Michael Schembri fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur